MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Numru 127/1999

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs**

**Mario Mangion ta' 48 sena iben Silvio u Dolores nee' Agius imwieled il-Hamrun nhar is-6 ta' Settembru 1961 u residenti gewwa Betty House, Lord Byron Street, Hamrun detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 669461(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Mario Mangion li permezz taghha huwa gie akkuzat talli fil-Gzira matul il-lejl ta' bejn it-12 u it-13 ta' Settembru 1990:

a. volontarjament ta n-nar lill-fond "Spares Garage", sitwat f'Ta' Xbiex Sea Front, Gzira meta gewwa dana il-garage

ma kien hemm ebda persuna filwaqt tal-hruq, jew volontarjament ta n-nar lill-materjal li jaqbad u dan il-bini gharríx jew lok iehor jew dan il-materjal kien qieghed b'mod li jista' jqabbad il-hruq lill-bini iehor, gharíx, lok iehor fejn f'dak il-waqt hemm gewwa kien hemm xi persuni.
b. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-hamsin elf lira Maltin (Lm50000) ghad-dannu ta' diversi persuni u/jew kumpaniji assikuratrici.
c. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkometta serq ta' somma flus li tiskorri l-mitt lira Maltin (Lm100), izda ma tiskorriex l-elf lira Maltin (Lm1000) ghad-dannu ta' Philip Grech, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, valur, u hin.

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi,

Rat in-nota tar-rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tal-5 ta' Ottubru 2010.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat is-sentenza preliminari moghtija fit-12 ta' Jannar 2011 fejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali sollevata mill-imputat gie michuda.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fil-mertu.

Rat l-atti kollha processwali.

Ikkunsidrat,

Illi min-nota tar-rinviju ghal gudizzju ta' l-Avukat Generali jirrizulta illi l-imputat qed jigi addebitat bi tlett tipi ta' reati u cioe' ir-reat tal-hruq doluz, ir-reat tal-hsara volontarja u finalment ir-r-reat ta' serq aggravat.

Illi mill-provi akkwiziti f'dina l-kawza jirrizulta illi fil-lejl ta' bejn it-12 u it-13 ta' Settembru 1990 kien sehh nar f'garaxx bl-isem Spares Garage li kien jinsab gewwa Ta' Xbiex. Dana il-garaxx kien proprjeta ta' certu Philip Grech u kien jintuza ghat-tiswijiet tal-karozzi u bejgh ta' spare parts taghhom. Fil-gurnata in kwistjoni il-garaxx kien intuza minn iben Grech, certu Charles Grech li jghid li kien ghalaq il-garaxx ghal habta tas-sebgha ta' fil-ghaxija u li qabel ma hareg huwa iccekkja li kollox kien sew u tefa' il-main switch tad-dawl.

Illi kienet saret l-Inkjesta Magisterjali u bdew l-investigazzjonijiet minn naha tal-pulizija sabiex jigi stabbilit jekk in-nar kienx wiehed doluz u minn seta' ikkometta dana id-delitt jew dawn id-delitti. Illi kienu gew nominati diversi esperti fosthom l-espert tekniku il-Professur Alfred Vella, il-Perit Richard Aquilina, l-espert mekkaniku Joseph Zammit, l-ufficjali tax-xena tar-reat u Dr. Anthony Abela Medici.

Illi fir-rapport tieghu l-Professur Alfred Vella jasal ghal konkluzjoni illi n-nar kien ta' natura doluza u dana abbazi ta' diversi indizji u cioe':

1. Il-bieb ta' barra instab miftuh fil-hin tan-nar b'sinjal ta' sgass u daqqiet ohra fuq l-injam.

2. Il-main switch ta' l-elettriku kien fil-posizzjoni ON meta Charles Grech isostni illi qabel hareg huwa kien tefa kollox.

3. Kien hemm flus u cekkijiet li instabu neqsin, kif ukoll il-kexxun tal-cash register li baqa' ma instabx fuq il-post. L-espert jikkonkludi illi l-flus insterqu qabel ma tqabbad in-nar.

4. Is-seat of fire instab fil-parti posterjuri tal-garaxx fejn ma kienx hemm oggetti flammabbli u ghalhekk l-espert jikkonkludi illi n-nar gie imqabbad permezz ta' accelerant li

gie imferrex fuq l-affarijiet f'din il-parti tal-hanut u imbaghad gie moghti n-nar.[1]

Illi l-espert tekniku Joseph Zammit fir-rapport tieghu isahhah dina l-konkluzjoni tal-Professur Vella meta jikkonkludi illi l-vettura li kien hemm fil-garaxx ma setghetx kienet il-kawza ta'l-origini tal-hruq. Huwa jikkonkludi: "Minn dak li l-esponent setgha jikkonstata ma sab l-ebda indikazzjoni li n-nar li issucceda fl-imsemmi garaxx beda mill-karozza in kwistjoni imma irrizulta illi l-karozza bdiet tinharaq wara li n-nar gera lejn in-naha ta' fejn kienet il-karozza fil-garaxx."[2]

Jidher illi l-imputat kien gie arrestat u interrogat fit-22 ta' Settembru 1990 fejn ghalkemm kien hemm suspett fih madanakollu huwa baqa' jichad l-involviment tieghu.[3] Illi mix-xhieda ta'l-ex Assistent Kummissarju Manwel Cassar li f'dak iz-zmien kien qieghed imexxi l-investigazzjonijiet, jirrizulta illi is-suspett kien waqa' fuq l-imputat ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok kien hemm xi xhud okulari li j ghid illi ra vettura tal-ghamla Renault Campus vicin il-lok tar-reat. Minn investigazzjonijiet li saru mill-pulizija kif ukoll mir-rapporti ta'l-esperti fl-inkjesta irrizulta illi l-malviventi kienu kisbu access ghal garaxx in kwistjoni billi sgassaw il-bieb permezz ta' vettura. Jidher illi l-imputat kellu vettura ta' dina l-ghamla. Fit-tieni lok meta giet ezaminata l-vettura ta'l-imputat instabu xi daqqiet mal-mudguard ta' quddiem tal-vettura kif ukoll xi zebgha ta' kulur hamrani fuq ir-rim tal-vettura li kien jaqbel mal-kulur taz-zebgha tal-bieb tal-garaxx. Inoltre l-pulizija investigattiva stabbilew illi l-imputat seta kellu mottiv sabiex jaghmel hsara lil Philip Grech sid il-garaxx peress illi l-imputat kien jikri restaurant li kien jinsab ftit 'il boghod minn dana il-garaxx minn ghand Grech u is-sid irrifjuta li iggeddidlu il-kirja peress illi tallbu rigal ta' Lm15000 meta l-imputat kien lest li ihallsu Lm12000. Ghalhekk ma kienx intlahaq ftehim bejniethom u l-imputat kien kostrett jirritorna ic-cwievet tal-fond lura lis-sid. Dana sehh ftit xhur biss qabel ma sehh il-kaz. Illi jidher illi l-pulizija kienu qed isegwu dina il-pista fl-

[1] Ara rapport a fols. 20 sa 27
[2] Ara rapport ta' Joseph Zammit a fols. 40 u 41
[3] Ara stqarrija a fol.126 u 127

investigazzjonijiet taghhom certament sa mit-22 ta' Settembru 1990.

Illi sussegwentement wara dina is-sejba fl-atti ta' l-Inkjesta Magisterjali fil-fatt kien gie nominat Dr. Anthony Abela Medici bhala espert forensiku u dana permezz ta' digriet tat-13 ta' Settembru 1990. Illi fis-27 ta' Settembru 1990 is-*scene of crime officer* li kien l-ex spettur John Ellul ghadda l-esebieti lil dana l-espert sabiex isiru l-analizijiet, liema rapport gie ipprezentat fis-16 ta' Mejju 1994. L-espert Abela Medici fir-rapport tieghu jikkonkludi:

"**L-esponenti jiddikjara li sab evidenza cara u precisa li z-zebgha fuq ir-rim tar-rota tal-lemin ta' quddiem tal-karozza Renault Campus bin-numru ta' registrazzjoni D-7177 kien jaqbel precisament kemm mill-komposizzjoni tal-parti organika (kulur) li nstab li kien toluidine red kif ukoll tal-parti elementali inorgánika mal-kampjun ta' zebgha elevat minn mal-bieb tal-garage maghruf bhala Spares Garage f'Ta' Xbiex Seafront. L-esponenti jixtieq pero' jigbed l-attenzjoni tal-Qorti li r-rarita statistika ta' din it-tip ta' zebgha f'Malta mhix maghrufa**."[4]

Fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi lill-imputat ittiehditlu t-tieni stqarrija fis-27 ta' Settembru 1994 esebieta fl-atti bhala Dokument MC1 fejn l-imputat baqa' jichad l-involviment tieghu fil-kummissjoni ta' dawn ir-reati. Wara dana l-imputat lehaq emigra minn Malta u ma setax jigi iktar rintraccjat[5] u ghalhekk il-kawza giet intavolata biss fit-23 ta' Frar 1999. Minhabba diffikulta li kellha l-prosekuzzjoni sabiex tinnotifika lill-imputat, is-smiegh tal-kawza inbeda biss madwar sena ilu u cioe' fl-1 ta' Marzu 2010.

Illi l-provi li ghandha quddiemha l-Qorti ghalhekk huma kollha provi indizzjarji u dana peress illi ma hemm l-ebda xhud okulari ghalkemm il-pulizija jikkontendu illi kien waqa' s-suspett fuq l-imputat wara rapport anonimu li ircevew minn ghand persuna li indika li ra l-vettura ta'l-

---

[4] Ara rapport ta' Dr. Anthony Abela Medici a fols.89 sa 107

[5] Ara xhied ata'l-ex Assistant Kummisarju Manwel Cassar a fol.130

imputat vicin dan l-garaxx. Madanakollu l-ebda xhud ma gie prodott mill-prosekuzzjoni sabiex jikkonferma dana kollu u allura dina l-Qorti ma tistax tistrieh fuq dina l-prova.

Illi l-unika prova li ghandha f'idejha l-prosekuzzjoni sabiex torbot lill-imputat mal-kummissjoni ta' dana ir-reat huwa iz-zebgha li intsab fuq ir-rim tal-vettura tieghu li kien l-istess bhal dik tal-bieb tal-garaxx de quo. Il-prosekuzzjoni inoltre isostni illi dina l-prova abbinata mal-fatt illi l-imputat stess jammetti illi f'dik il-lejla huwa kien jinsab proprju fir-restaurant "19 steps" li huwa sovrastanti dana il-garaxx kif ukoll l-fatt illi l-imputat seta kellu mottiv sabiex jaghmel hsara lil Grech, iwassal ghal konkluzjoni illi kien hu li ikkometta dana ir-reat.

Mix-xhieda kemm ta' Philip Grech, kif ukoll ta' ibnu Charles Grech, madanakollu jirrizulta illi ma kien hemm l-ebda animosita bejnhom u bejn l-imputat u baqghu *on speaking terms* sal-gurnata tal-lum. Huma ighidu fil-fatt illi qatt ma kellhom xi suspett fih.[6]

Illi kemm fl-istqarrijiet rilaxxjati minnu lill-pulizija kif ukoll meta jixhed quddiem il-Qorti wara ghoxrin sena minn meta sehh dana il-fatt, l-imputat jibqa' jichad l-involviment tieghu. Huwa ma jichadx illi f'dik il-lejla huwa kien jinstab fir-restaurant sovrastanti dana il-garaxx izda ighid illi huwa kien imur hemmhekk ghal drink bejn darbtejn u tlett darbiet fil-gimgha. Inoltre meta jixhed quddiem il-Qorti, huwa isostni illi gieli kien jiehu il-vettura tieghu ghat-tiswija f'dana il-garaxx u kien anke jaghmel is-service tal-vettura huwa stess. Isostni illi mhux l-ewwel darba li kien jaqla' ir-roti tal-vettura tieghu u iqieghdhom mal-bieba tal-garaxx u dana sabiex jiccekkja il-brejkijiet u jibdel iz-zejt, imbaghad jerga' iwahhal kollox. Isostni illi kien jaghmel dana madwar tlett darbiet fis-sena. Ighid illi meta gie interrogat huwa ma kienx semma dawn il-fatti lill-investigating officer ta' dak iz-zmien peress illi huwa ried jikxef dawn il-fatti biss fil-qorti.

---

[6] Ara xhieda ta' Philip u Charles Grech a fols.134 u 163 rispettivament

Ghar-rigward ta' xi daqqiet li kellha il-vettura fuq il-mudguard, huwa isostni illi dawn sehhew f'kollizzjoni li kellha martu vicin supermarket f' B'Kara u li ix-xufier li habat fiha kien hallasha Lm20.

Illi fir-rigward tad-daqqiet fuq il-bieb tal-garaxx ghandu jinghad illi lanqas l-esperti nominati fl-Inkjesta ma jaqblu ghar-rigard ta' l-oggett li ikkaguna dawn id-daqqiet. Dana qed jinghad peress illi filwaqt li l-Perit Richard Aquilina jikkonkludi illi "fuq il-bieb tal-garage instabu sinjali ta' brix frisk li huma kompatibbli ma' daqqa ta' xi vettura fuq dana il-bieb."[7], l-ufficjal tax-xena tar-reat John Ellul li eleva is-sample taz-zebgha minn fuq il-bieb ighid: "illi fuq dana il-bieb kien hemm diversi daqqiet u marki u ghaldaqstant ma setghux jigu ikkonstatati marki partikolari li setghu gew kawzati minn daqqa ta' vettura."[8]

Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta'l-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti sabiex inisslu konvinciment norali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita' ta'l-imputat. Illi f'dana il-kaz, ic-cirkostanzi u l-indizji ma jistghux iwasslu ghal dana ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi ghalkemm gie stabbilit illi z-zebgha fuq ir-rim tal-vettura ta' l-imputat hija identika ghal dik tal-bieb tal-garaxx madanakollu ma hemmx prova konklussiva illi ma kienx hawn zebgha ohra simili f'Malta fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat. Fil-fatt l-espert Abela Medici ighid fir-rapport tieghu illi huwa ma jistax ighid kemm hija komuni din it-tip ta' zebgha hawn Malta. Inoltre l-imputat jistqarr fix-xhieda tieghu illi spiss kien imur bil-karozza tieghu f'dana il-garaxx ghal xi tiswijiet u ghalhekk ma jistax jigi esklus b'mod definittiv illi dina iz-zebgha setghet giet fuq ir-rota f'xi wahda minn dawn l-okkazzjonijiet.

2. Illi huwa minnu illi l-imputat kien prezenti fuq ix-xena tar-reat ftit tal-hin qabel ma sehh id-delitt, izda huwa jghid

[7] Ara rapport tal-Perit Richard Aquilina a fol.61
[8] Ara rapport ta' John Ellul a fol.82

illi kien imur hemm ta' spiss u ghalhekk ma kenitx xi okkazzjoni unika illi l-imputat inzerta proprju f'dik il-lejla kien jinstab fl-inhawi. Fil-fatt huwa jghid illi kien iqatta' hafna hemm fl-akkwati peress illi ghamel zmien jiggestixxi in-negozju tieghu ftit 'il boghod u kien jiffrekwenta kemm l-garaxx kif ukoll ir-restaurant sovrastanti ghalih b'mod regolari.

3. Illi ghalkemm huwa minnu illi l-parti leza kienet itterminat il-kirja lill-imputat tar-restaurant gestit minnu, madanakollu jidher illi l-imputat kien fetah negozju iehor band'ohra u jidher illi ma kien hemm l-ebda animosita bejnu u bejn il-familja Grech fuq dina l-kwistjoni. Dana ighiduh il-parti leza stess.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti hija tal-fehma illi l-provi indizzjarji f'dan l-kaz ma jippuntawx f'direzzjoni wahda, izda f'hafna direzzjonijiet u ghalhekk l-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni wahda lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------